**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 20 ta' Diċembru 2016

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 53

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 53 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru 2016 fid-9am

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

53.5 Rapporti;

53.6 Kjarifika dwar Rapporti li dehru fil-Midja minħabba r-Rapport tal-Awditur Ġenerali għall-*Financial Statements* 2015;

53.7 Approvazzjoni tal-Baġit għas-Sena 2017;

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

53.8 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi;

53.9 Immaniġġjar tat-Traffiku fi Triq iż-Żurrieq;

53.10 Sejħa għal Persuna sabiex tkun parti mill-Bord t'Aġġudikazzjoni tas-Sejħiet għall-Offerti;

53.11 Ambaxxatur/riċi taż-Żgħażagħ għall-Kunsill Lokali;

53.12 Il-Fondi tal-UIF;

53.13 Miżura tal-*ERDF – Priority Axis 5, Promoting our Environment*;

53.14 Miżura *Asphalting of Rural Lanes through EU Funding;*

53.15 Kollezzjoni ta' materjal WEEE mill-GreenPAK mill-2017;

53.16 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi;

53.17 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2017;

53.18 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2017;

53.19 Data għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

52.20 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

52.21 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-53 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru 2016 fid-9am fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fil-11:30am.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Abigail Sciberras |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

53.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

53.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

53.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

53.2.1 Il-Minuti tat-52 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Viċi Sindku Charles Zerafa.

53.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti.

53.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 53.3, 53.4 u 53.5 jiġu diskussi wara Minuta 53.18 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

53.6 **KJARIFIKA DWAR RAPPORTI LI DEHRU FIL-MIDJA MINĦABBA R-RAPPORT TAL-AWDITUR ĠENERALI GĦALL-*FINANCIAL STATEMENTS 2015***

53.6.1 Is-Sindku David Schembri stieden lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jispjega aktar fid-dettall dwar dak li ntqal fir-rapport tal-Awditur Ġenerali, u dwar dak li ġie rappurtat fil-midja.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

53.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-aħħar jiem ġie ppubblikat ir-rapport tal-Awditur Ġenerali dwar is-sena finanzjarja 2015 tal-Kunsilli Lokali.

53.6.3 Qal li l-aktar ħaġa li laqtet għajnejn il-midja kien il-fatt li kien hemm erba' Kunsilli Lokali li l-awdituri mibgħuta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur Ġenerali ma setgħux jesprimu opinjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsilli Lokali rispettivi minħabba diskrepanzi fil-*financial statements*.

53.6.4 Spjega kif il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien wieħed minn dawn l-erba' Kunsilli Lokali u sfortunatament ġejna nidhru li qieshom qegħdin isiru xi irregolaritajiet fil-finanzi tal-Kunsill Lokali meta dan ma kienx minnu.

53.6.5 Fisser li sa mis-sena 2010, il-Kunsill Lokali beda żewġ proġetti kbar, li wieħed minnhom kien beda jsir permezz ta' Miżura 313 tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-proġett l-ieħor kien bi sħab mal-Gvern Ċentrali taħt il-*Public Private Partnership*.

53.6.6 Qal li mill-*financial statements* tal-passat, jidher li l-awdituri mibgħuta lura fis-snin kienu qegħdin jagħmlu ċertu *workings* li l-awdituri preżenti ma setgħux jifhmu u allura dehru diskrepanzi fil-*financial statements* li kienu jammontaw għal €316,677.

53.6.6.1 Spjega kif dan l-ammont jitfisser waħdu meta wieħed iqis li biss biss, il-proġett li sar taħt Miżura 313 kien jiswa mal-€250,000 filwaqt li l-PPP flimkien mal-Gvern Ċentrali ġiet tiswa lill-Kunsill Lokali madwar €300,000.

53.6.6.2 Jidher li d-diskrepanzi fid-*deferred income* ġejjin minħabba dawn iż-żewġ proġetti, u filwaqt li bħala Kunsill Lokali tlabna l-*workings* mingħand l-awdituri tal-passat, dawn qatt ma' waslu għand l-awdituri preżenti u allura ma kellhomx triq oħra ħlief li ma jesprimux l-opinjoni tagħhom fuq il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

53.6.6.3 Fisser li din il-problema qiegħda tiġi diskussa serjament mal-*accountant* tal-Kunsill Lokali fejn dan qiegħed jipprova jintraċċa l-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*workings* tal-awdituri sabiex kollox ikun kjarifikat u l-awdituri jkunu jistgħu jerġgħu jibdew jesprimu l-opinjoni tagħhom fuq il-finanzi tal-Kunsill Lokali.

53.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv saħaq li fil-preżent il-Kunsill Lokali jinsab f'qagħda finanzjarja b'saħħitha, kif anke jixhdu l-*financial statements* 2015, fejn il-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien wieħed mill-Kunsilli Lokali li spiċċa b'bilanċ wara ħidma bil-għaqal matul is-sena kollha.

53.6.8 Is-Sindku kompla li kellna telefonata mill-gazzetta The Malta Independent, fejn dawn talbu l-kummenti tiegħu, imma hu ħass li għandu jgħaddihom mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex l-ispjegazzjoni tkun aktar ċara, imma minn qabel fissrilhom li hu kien jaqbel 100% ma' dak li qiegħed jgħid is-Segretarju Eżekuttiv, f'isem il-Kunsill Lokali.

53.6.9 Qal li l-*Unaudited Financial Statements 2015* kienu preżentati tard lill-NAO, imma dan ma kienx tort tal-Kunsill Lokali, u dan minħabba li l-awditur imqabbad mill-Kunsill Lokali nforma lill-istess Kunsill Lokali ftit sigħat qabel ma' dawn il-*financial statements* kellhom jiddaħħlu għand l-NAO, li mhux se jlaħħaq ilestihom, u għaldaqstant il-Kunsill Lokali kellu jfittex awditur ieħor li kellu bżonn ħmistax-il ġurnata ċans sakemm jivverifika kollox sabiex imbagħad dawn ikunu jistgħu jiġu ppreżentati.

53.6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem ukoll dwar fond speċjali li jidher li kien preżenti lura għall-1996, u li dan il-kont kien jinkorpora fih madwar €21,000.

53.6.10.1 Qal li sallum il-ġurnata, dawn il-flus għadhom qegħdin jidhru li huma parti minn dan il-fond, meta l-fond huwa magħluq u din hija materja oħra li qiegħda tiġi diskussa mal-*accountant* tal-Kunsill Lokali.

53.6.10.2 Dwar dan il-punt irrimarka l-Kunsillier Daniel Farrugia li qal li bejn l-1996 u l-1999, hu bħala Sindku tal-lokalita', kien qiegħed jaħdem sabiex dawk il-€21,000 jintużaw għal Wied iż-Żurrieq, għaliex il-fond li ntefgħu fih hekk kien jitlob, imma meta mbagħad fl-1999 il-Kunsill Lokali beda jitmexxa minn Sindku ieħor, jidher li dawn il-flus ġew trasferiti għal kont ieħor.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

53.6.11 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li din id-diskussjoni għandha ssir ukoll waqt il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' sabiex il-Kunsill Lokali jkun trasparenti u ma jqumux mistoqsijiet żejda mir-residenti.

53.6.11.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 53.7 APPROVAZZJONI TAL-BAĠIT GĦAS-SENA 2017

53.7.1 Is-Sindku David Schembri stieden lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex iressaq il-Baġit għas-sena 2017, għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

53.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettall il-Baġit li kien qiegħed jitressaq quddiem il-Kunsill Lokali u qal li bħalma sar fl-2015 u l-2016, il-Kunsill Lokali jrid jaħdem b'kawtela u reqqa matul l-2017, b'mod speċjali meta wieħed irid iqis li issa l-Kunsill Lokali se jidħol għal proġett kapitali b'saħħtu.

53.7.3 Is-Sindku kompla ma' dak li qal is-Segretarju Eżekuttiv meta spjega li fl-2017, il-Kunsill Lokali jrid joqgħod aktar attent mis-snin ta' qabel fuq in-nefqa tiegħu, meta suppost għandu jinbeda l-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid tal-istess Kunsill Lokali, kif ukoll se tinbena l-kmajra li fiha se tiġi installata l-ATM.

53.7.4 Is-Sindku ppropona li l-Baġit għas-sena 2017 imressaq mis-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġi approvat.

53.7.4.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 53.8 HATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

53.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali qiegħda ssir pressjoni sabiex kull Kunsill Lokali jkollu Deputat Segretarju Eżekuttiv.

53.8.2 Qal li rġajna rċevejna tfakkira dwar Ċirkulari Numru 16/2016 bit-titlu **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**.

53.8.3 Spjega kif is-Sezzjoni Kunsillieri tal-Partit Laburista ħarġet direttiva sabiex fil-preżent ma jiġi nominat ħadd għal din il-kariga.

53.8.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-Partit Laburista permezz tas-Sezzjoni Kunsillieri qiegħed jisħaq li jekk għandu jitqabbad xi ħadd sabiex jieħu din il-kariga, dan għandu jkun impjegat fl-istess Kunsill Lokali u mhux minn barra.

53.8.5 Għaldaqstant id-diskussjoni dwar din il-materja twaqqfet hawnhekk.

## 53.9 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ IŻ-ŻURRIEQ

53.9.1 Is-Sindku David Schembri spjega kif waslu żewġ e-mails differenti fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali dwar ilmenti fuq immaniġġjar tat-traffiku fi Triq iż-Żurrieq.

53.9.2 Qal li l-ewwel e-mail titratta dwar sinjali sofor li resident partikolari jixtieq mal-ġenb tal-garaxx tiegħu, minħabba li qiegħed ikun hemm karozzi pparkjati tant viċin li lanqas ikun jista' jiftaħ il-garaxx sew.

53.9.2.1 Is-Sindku ppropona li għandhom isiru l-linji sofor mal-ġnub tal-garaxx, hekk kif inhu permess mil-liġi.

53.9.2.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ssekondat din il-proposta u l-Kunsill

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali qabel unanimament.

53.9.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar it-tieni e-mail li waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u li din tirrigwarda talba għall-installazzjoni ta' *sleeping policeman* fl-istess triq.

53.9.3.1 Qal li din il-materja hija aktar kumplessa minn ta' qabilha, għax wieħed irid jikkunsidra fejn issir din l-i*sleeping policeman*.

53.9.3.2 Spjega kif sallum il-ġurnata hemm *sleeping policeman* fi Triq iż-Żurrieq k/ma' Triq il-Biżantini, imma r-resident inkwistjoni qiegħed jitlob li ssir *sleeping policeman* oħra aktar 'il fuq, fid-direzzjoni ta' Triq is-Salvatur.

53.9.3.3 Fisser li din it-triq mhijiex waħda li fiha jittella' ħafna *speed* minħabba li t-triq ma ttikx li tagħfas ħafna l-gass, l-ewwel nett minħabba li ftit dejqa, u t-tieni minħabba li ħafna drabi dak li jkun bilfors irid isuq bil-mod minħabba karozzi oħra.

53.9.4 Barra minn hekk, is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali rridu naraw jekk ir-residenti l-oħra tal-istess triq iridux li ssir *sleeping policeman* quddiemhom.

53.9.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li għandna nibagħtu ittra lir-residenti ta' din it-triq, u naraw huma fejn jipproponu li għandha ssir din l-i*sleeping policeman* il-ġdida, jekk dejjem issir.

53.9.5.1 Is-Sindku qal li hu personalment ma jaqbilx li għandha ssir *sleeping policeman* oħra, imma ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku sabiex tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq iż-Żurrieq biex ikunu huma li jipproponu fejn għandha ssir din l-i*sleeping policeman*.

53.9.5.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 53.10 SEJĦA GĦAL PERSUNA SABIEX TKUN PARTI MILL-BORD T'AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

53.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li r-Reġjun tan-Nofsinhar qiegħed imexxi dan il-proġett pilota, li l-ewwel se jkun ippruvat mill-Kunsill Lokali ta' dan ir-Reġjun, imbagħad jekk l-affarijiet jirnexxu, dan il-proġett ikun estiż fuq bażi nazzjonali.

53.10.2 Qal li bħalissa diġa' saret is-sejħa fuq il-ġurnali ewlenin kif ukoll fuq il-Gazzetta tal-Gvern sabiex dawk li huma nteressati li jservu f'din il-kariga, ikunu jistgħu japplikaw.

53.10.3 Għamilha ċara li persuna li tapplika sabiex tkun parti mill-bord t'aġġudikazzjoni, ma tkunx tista' tivvota, imma sempliċiment tissorvelja li l-aġġudikazzjoni timxi bl-aktar mod trasparenti.

53.10.4 Żied li persuna li tkun parti minn dan il-bord tal-aġġudikazzjoni ma titħallasx, u kollox huwa fuq bażi volontarja.

53.10.5 Qal li s-sejħa se tagħlaq nhar il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru 2016, imma sallum, il-ġurnata tal-laqgħa, jiġifieri t-Tlieta 27 ta' Diċembru, għadu ħadd ma ġie sabiex japplika fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

## 53.11 AMBAXXATUR/IĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦALL-KUNSILL LOKALI

53.11.1 Is-Sindku David Schembri rringrazzja lill-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Abigail Sciberras tal-impenn tagħha matul l-aħħar seba' xhur bħala ambaxxatriċi fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

53.11.2 Qal li fuq dan l-aspett irridu naħdmu ħafn'aktar, għaliex s'issa kellna b'kollox tliet ambaxxaturi taż-żgħażagħ, imma xorta waħda għad ma rajniex xi differenza kbira fl-involviment taż-żgħażagħ.

53.11.3 Kompla li tkun ideali jekk jerġa' jirnexxielna nwaqqfu l-Kunsill Lokali

taż-Żgħażagħ minħabba li dan il-Kunsill sar darba u ma reġax sar aktar.

53.11.4 Is-Sindku stieden lill-Ambaxxatriċi sabiex tagħmel kelmtejn f'din l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali.

53.11.5 L-Ambaxxatriċi Abigail Sciberras irringrazzjat lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri u Segretarju Eżekuttiv tal-għajnuna tagħhom matul is-seba' xhur li għamlet fil-kariga.

53.11.5.1 Qalet li matul dawn ix-xhur hija tgħallmet ħafna dwar l-operat tal-Kunsill Lokali u anke kellha ċ-ċans li tibda tħares lejn l-affarijiet minn perspettiva oħra.

53.11.6 Is-Sindku qal li issa wasal iż-żmien li jiġu nominati żgħażagħ oħra sabiex jokkupaw din il-kariga u min-naħa tiegħu ppropna lis-Sa. Sylvia Galea.

53.11.7 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ipproponiet lis-Sa. Yanika Ciappara u qalet li din iż-żagħżugħa wkoll tidher interessata f'din il-kariga.

53.11.8 Is-Sindku ppropona li għandna nagħmlu laqgħa magħhom sabiex jiġu diskussi ċertu materji, imbagħad tittieħed deċiżjoni finali fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss.

53.11.8.1 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 53.12 <u>IL-FONDI TAL-UIF</u>

53.12.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar l-*Urban Improvement Fund* u qali li bħala Kunsill Lokali għandna żewġ kontijiet, li wieħed jinkorpora r-raħal tal-Qrendi u l-ieħor jinkorpora ż-żona ta' Wied iż-Żurrieq.

53.12.2 Spjega kif sa ftit tal-ġimgħat ilu dawn il-fondi setgħu jintużaw biss għal tisbiħ ta' bankini u/jew xogħolijiet żgħar oħra relatati maż-żona urbana tal-lokal, imma issa l-Awtorita' għall-Ippjanar wessgħet il-firxa li fuqha jistgħu jintużaw dawn il-fondi.

53.12.3 Fisser li l-ewwel priorita' tal-Kunsill Lokali għandha tkun it-tisbiħ tal-latrini pubbliċi li jinsabu fil-pjazza prinċipali tal-Qrendi, maġenb il-Knisja Parrokjali, minħabba li wasal iż-żmien li dawn jiġu rranġati.

53.12.4 Qal li jekk isir ftit tisbiħ fihom, dawn il-latrini pubbliċi jiġu aktar attrezzati, u jkunu aktar jixirqu għall-ambjent kollu li jdawwar il-Qrendi.

53.12.5 Filwaqt li s-Sindku David Schembri ppropona li dawn il-fondi għandna nużawhom għal dan it-tisbiħ, il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 53.13 MIŻURA TAL-*ERDF – PRIORITY AXIS 5, PROMOTING OUR ENVIRONMENT*

53.13.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent qegħdin joħorġu jew waslu biex joħorġu diversi miżuri u bħala Kunsill Lokali qegħdin naraw kif nistgħu nibbenefikaw minnhom.

53.13.2 Spjega kif għal dawn l-aħħar xhur bdejna nevalwaw kif nistgħu nirranġaw u nsebbħu Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena u l-madwar tiegħu.

53.13.3 Qal li filwaqt li l-Misraħ jaqa' taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali, is-Santwarju jaqa' taħt ir-responsabilita' tal-Knisja u allura hija l-Kurja Arċiveskovili li tidħol sabiex jiġi rranġat is-Santwarju.

53.13.4 Fisser li l-parir li qegħdin ningħataw hu li sabiex nieħdu l-fondi, is-Santwarju u l-Misraħ iridu jkunu inkorporati flimkien, u ma jsirux it-toroq anċillari li oriġinarjament il-Kunsill Lokali kien ħaseb li jagħmel

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ma' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

53.13.5 Qal li nistgħu nibbenefikaw minn massimu ta €150,000 li żgur mhumiex se jkunu biżżejjed għal dawn il-proġetti, imma se tkun għajnuna fejjieda li permezz tagħha nkunu nistgħu nagħtu bidu għal dawn il-proġetti.

53.13.6 Żied li mill-pjanti li kien issottometta l-Kunsill Lokali, l-Awtorita' tal-Ippjanar ma qablitx mad-disinn tal-istilla fil-pavimentar li kienet se ddawwar l-istatwa tal-Madonna tal-Ħniena li tinsab f'nofs il-Misraħ, u allura din se nneħħu mill-pjanta sabiex ma jkollniex aktar tfixkil.

53.13.7 Fisser li jekk kemm-il darba l-proġett ikun aċċettat, allura l-Kunsill Lokali jkollu joħroġ 20% tal-ispejjeż ta' dan il-proġett, biss jekk l-applikazzjoni ma tkunx kollettiva, is-suċċess t'għajnuna finanzjarja permezz ta' dan il-fond se jkun aktar remot.

53.13.8 Fl-aħħar nett is-Sindku kkonferma li se jagħmel dak kollu li jista' sabiex l-applikazzjoni tkun kollettiva, u fil-fatt se jkellem lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi f'dan ir-rigward.

## 53.14 <u>MIŻURA *ASPHALTING OF RURAL LANES THROUGH EU FUNDING*</u>

53.14.1 Is-Sindku David Schembri qal li waslitlu informazzjoni li fil-ġimgħat li ġejjin se tkun qiegħda toħroġ miżura li tinkorpora t-toroq li jinsabu fl-għelieqi, u li dawn jistgħu jiġu asfaltati minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

53.14.2 Qal li bħala Kunsill Lokali nistgħu napplikaw sabiex nibbenefikaw minn din il-miżura, biss irridu nżommu f'moħħna li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed joħroġ 20% tal-ispejjeż, u allura wieħed irid iqis sew liema toroq għandhom isiru.

53.14.3 Spjega li bħala Kunsill Lokali ma nistgħux naqbdu u nniżżlu t-toroq kollha li hemm fl-għelieqi u li jinsabu fil-konfini tal-Qrendi, għaliex jekk

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jiġu aċċettati kollha sabiex isiru parti mill-miżura, il-Kunsill Lokali jbati finanzjarjament.

53.14.4 Fisser li fil-jiem li ġejjin se nkunu qegħdin niddiskutu liema jkunu t-toroq li għandna napplikaw għalihom u din il-materja tkompli tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss.

## 53.15 <u>KOLLEZZJONI TA' MATERJAL WEEE MILL-GRENNPAK MILL-2017</u>

53.14.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna talba mill-GreenPAK sabiex jekk irridu nagħmlu Addendum mal-ftehim li għandna preżenti magħhom, sabiex mill-2017, ikunu huma li jibdew jiġbru l-materjal WEEE.

53.14.2 Qal li l-koperattiva GreenPAK qiegħda toffri diversi soluzzjonijiet kif dan il-materjal jista' jingabar u bħalissa dan il-materjal qiegħed jinġabar mal-iskart goff u jiġi sseparat fl-impjant tar-riċiklaġġ.

53.14.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li għandha ssir laqgħa ma' GreenPAK u wara niffirmaw l-Addendum sabiex dan il-materjal jibdew jieħdu ħsiebu GreenPAK sa mis-sena d-dieħla.

53.14.3.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 53.16 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATM FIL-QRENDI</u>

53.16.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent il-permess għall-ATM fil-Qrendi huwa sospiż u dan minħabba li l-Awtorita' għall-Ippjanar m'approvatx li din issir eżatt eżatt wara l-Monument tal-Gwerra.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

53.16.2 L-Awtorita' għall-Ippjanar qiegħda tisħaq li hemmhekk hija *green area* u allura trid li l-ATM tiġi installatha aktar 'il ġewwa fi Triq Ġużè' Cassar.

53.16.3 Is-Sindku spjega li l-akbar oġġezzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar hi li jekk l-ATM issir eżatt wara l-Monument tal-Gwerra, se tiġi affettwata l-estetika taż-żona, speċjalment minħabba l-Monument.

53.16.4 Fisser li s-smiegħ għad-deċiżjoni ġie differit u dan sabiex ningħataw ċans nirranġaw il-pjanti ġodda tagħna, fejn l-ATM tkun inkluża aktar 'il ġewwa fi Triq Ġużè' Cassar.

53.16.5 Għalaq billi qal li dan l-intopp ma kienx previst minn qabel u li minħabba f'hekk se nitilfu ftit ġimgħat sakemm nerġgħu nidhru quddiem il-Bord tal-Awtorita' għall-Ippjanar.

## 53.17 <u>**AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2017**</u>

53.17.1 Is-Sindku David Schembri qal li Jum il-Qrendi issa qiegħed joqrob ġmielu u fadal ftit inqas minn xahrejn sabiex nerġgħu niċċelebrawh.

53.17.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li n-Nutar Joseph Paul Vassallo Agius m'aċċettax li jkun parti mill-Bord tal-Għażla għal Ġieħ il-Qrendi 2017, u minfloku hu kien qiegħed jinnomina lis-Sur Emanuel Muscat.

53.17.3 B'hekk kien fadal post vakanti wieħed f'dan il-Bord, u l-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li se jkun qiegħed jitkellem mas-Sur Kenneth Farrugia sabiex jara jekk jaċċettax li jkun parti mill-Bord sabiex dan ukoll ikun magħluq għax ikunu nstabu seba' persuni.

53.17.4 Is-Sindku qal li Jum il-Qrendi se jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 19 ta' Frar 2017, filwaqt li l-ħsieb hu li Ġieħ il-Qrendi jiġi mtella' nhar is-Sibt 18 ta' Frar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

53.17.5 Qal ukoll li fil-jiem li ġejjin se tkun qiegħda ssir laqgħa apposta mas-Soċjetajiet Mużikali b'mod speċjali minħabba l-banda u l-marċi li se jindaqqu dakinhar ta' Jum il-Qrendi.

## 53.18 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2017

53.18.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li diġa' saret l-ewwel laqgħa tas-sotto kumitat ta' dan il-Festival, u li bħalissa għadu qiegħed jinbena l-programm.

53.18.2 Qal li l-ideat għal dan il-Festival qegħdin hemmhekk, u bħalissa qegħdin nevalwaw kull possibilta' sabiex ngħollu l-livell imma min-naħa l-oħra nnaqqsu l-ispejjeż.

53.18.3 Spjega kif għal din l-edizzjoni, qegħdin niffukaw aktar fuq wirja artistika tal-fotografija, u dan sabiex nibdlu ftit minn dak li kellna fl-aħħar żewġ edizzjonijiet.

53.18.4 Fisser ukoll kif il-Kappella ta' San Mattew se nippruvaw nagħmlu użu minnha differenti minn kif għamilna fl-aħħar edizzjoni, billi permezz tal-għajnuna ta' studenti tal-MCAST, jirnexxielna ntellgħu dokumentarju dwar il-Kappelli u niċeċ li nsibu f'raħalna, u li dan jintwera' kultant ħin fil-kappella.

53.18.5 Fl-aħħar nett qal li aktar aġġornamenti se jibda jgħaddihom ma' kull laqgħa li tgħaddi tal-Kunsill Lokali.

## 53.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

53.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar Ċirkulari Numru 50/2016,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

bit-titlu **Sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq**.

53.3.1.1 Qal li permezz ta' din iċ-ċirkulari, il-Kunsill Lokali kollha għandhom jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom minħabba li ħafna mill-kuntratti tal-manutenzjoni tad-dawl huma skaduti.

53.3.1.2 Spjega kif il-Kunsill Lokali tar-Reġjun tan-Nofsinhar qegħdin jikkonfermaw li se jingħaqdu fis-sejħa li se joħroġ l-istess Reġjun aktar 'il quddiem, sabiex ikollna kuntratt komuni bejn il-Kunsill Lokali kollha ta' dan ir-Reġjun.

53.3.1.3 Is-Sindku ppropona li bħala Kunsill Lokali għandna nissieħbu ma' dawn il-Kunsilli Lokali tar-Reġjun tan-Nofsinhar u mhux noħorġu s-sejħa għal rasna.

53.3.1.4 Il-Kunsillier Daniela Farrugia ssekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

53.3.2 Is-Sindku tkellem dwar għajnuna li se tibda tingħata sabiex jiġu rranġati faċċati ta' postijiet antiki.

53.3.2.1 Qal li bħala skema se tinħareġ f'Jannar 2017 u l-Kunsill Lokali jkollu japprova u jiffirma l-applikazzjonijiet ta' individwi li jkunu jridu japplikaw.

53.3.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar għajnuna għall-bdiewa fuq it-toroq fiż-żoni rurali.

53.3.3.1 Qal li din l-iskema se toħroġ fi ftit ġimgħat oħra u jkun tajjeb jekk xi bdiewa minn raħalna jibbenefikaw minn din l-iskema.

53.3.4 Is-Sindku tkellem dwar skema oħra li mistennija toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin dwar żoni li jaqgħu taħt Natura 2000 u qal li bħala Kunsill Lokali rridu nżommu għajnejna miftuħa sabiex naraw kif nistgħu nibbenefikaw minnha.

53.3.4.1 Din l-iskema ġiet varata permezz ta' korrispondenza li rċevejna bit-titlu **Sejħa Ġdida Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

53.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Torri Xutu li jinsab Wied iż-Żurrieq, u qal li se jsiru żewġ *floodlights* li jagħtu għal fuqu, u li l-applikazzjoni għalihom se ssir mill-Kunsill Lokali.

53.3.5.1 Qal li din l-applikazzjoni se ssir mill-Kunsill Lokali minħabba li dawn il-*floodlights* se jkunu mqabbda mal-i*street lighting* u allura r-responsabilita' taqa' fuqna.

53.3.6 Is-Sindku tkellem dwar ir-*roundabout* ta' Triq it-Tempesta u qal li din issa hija lesta u fadal li issa jsir il-post fejn se jiġi nstallat l-arblu tal-bandiera, fl-għalqa żgħira li hemm maġenb ir-*roundabout*.

53.3.6.1 Qal li bħalissa għandna dawl temporanju fir-*roundabout*, b'mod speċjali sabiex tkun tista' ssir it-tisqija, u sabiex tkun tista' tinxtegħel matul il-jiem tal-Milied, biss għadna qed nistennew li l-applikazzjoni uffiċjali tiġi approvata fil-ġimgħat li ġejjin.

53.3.6.2 Spjega li t-tisqija fir-*roundabout* qiegħda ssir permezz ta' *timer* u se nkunu qegħdin nitkellmu mal-ELC dwar il-possibilta' li t-tisqija ssir filgħaxija.

53.3.6.3 Tkellem ukoll dwar idea jekk f'okkażjonijiet differenti, id-dawl tar-*roundabout* għandux jinbidel sabiex jirrifletti x-xahar jew il-perjodu, jew l-avveniment li jkun għaddej minnu l-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

53.3.6.4 Qal li dwar din l-idea xorta waħda jrid jitkellem mal-ERA sabiex inkunu konformi, imma jekk din tiġi aċċettata żgur li tagħti impressjoni differenti lil din ir-*roundabout*.

53.3.6.5 Fisser ukoll kif fl-aħħar jiem ftaħna kompetizzjoni dwar ir-*roundabout*, għal min jieħu l-isbaħ ritratt filgħodu, u għal min jieħu l-isbaħ ritratt filgħaxija.

53.3.6.6 Qal li r-rebbieħa se jkunu qegħdin jieħdu l-ktieb ippubblikat mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi, u se jkunu n-nies stess li jagħżlu r-rebbieħa, minħabba li r-ritratti li jkollhom l-aktar *likes* se jkunu dawk rebbieħa.

53.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-librerija pubblika u qal li fil-preżent qegħdin

isiru xkafef ġodda, u dawn qegħdin isiru permezz ta' fondi li ġibna mill-iskema tal-libreriji ta' din is-sena.

53.3.8 Is-Sindku tkellem dwar diversi laqgħat li attenda għalihom, fosthom ta' Valletta18, kif ukoll diversi seminars u konferenzi, fejn bħala Kunsill Lokali dejjem urejna x-xewqa li nkunu nvoluti f'dak li se jseħħ matul is-sitt xhur li Malta se tkun il-Belt Kapitali Ewropea tal-kultura.

53.3.9 Is-Sindku tkellem dwar l-EloGE, u qal li jinsab diżappuntat li wara sentejn u nofs ta' ħidma, spiċċajna ma ħadna l-ebda rikonoxximent u minn pajjiżna ma kkwalifika ħadd bħala lokalita' t'eċċellenza.

53.3.9.1 Fisser kif biex ipparteċipajna f'dan il-programm kellna nieħdu ħafna xogħol ta' mili ta' karti, attendejna diversi seminars u laqgħat, biex fl-aħħar mill-aħħar ma swew għalxejn.

53.3.10 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mar-residenti ta' Triq l-Imqabba u fisser kif sfortunatament kienet biss residenta waħda minn din it-triq li attendiet għal-laqgħa.

53.3.10.1 Qal li kien hemm resident ieħor li bagħtilna lura l-pjanta li bagħtna mal-ittra u fiha mmarka fejn kieku ssir l-i*sleeping policeman* f'din it-triq.

53.3.10.2 Spjega kif ir-residenta li attendiet għal-laqgħa ma qablitx li ssir l-i*sleeping policeman*, u fil-fatt għalissa se naraw x'se jgħidulna Transport Malta dwar it-talba li għamel il-Kunsill Lokali għal *sleeping policemen* fi Triq is-Siġġiewi.

53.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-kirja tas-sala tal-Kunsill Lokali, f'60, Triq il-Kbira.

53.3.11.1 Qal li fil-preżent għadna qegħdin nistennew lis-sid sabiex jgħidilna jekk huwiex se jaċċetta li nibqgħu bl-istess ftehim li kellna s'issa, u li dan jiġġedded sena b'sena, minħabba li l-Kunsill Lokali se jibda jibni ċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid.

53.3.11.2 Spjega kif bħala Kunsill Lokali qegħdin nittamaw li sat-tliet snin li ġejjin inkunu ċċaqlaqna mill-binja li ninsabu fiha llum u għalhekk ma

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jkollniex bżonn aktar tal-kirja tas-sala tal-Kunsill Lokali.

53.3.12 Is-Sindku tkellem dwar il-*Malta Cultural Centre* taċ-Ċina u qal li dawn avviċinawna sabiex truppa Ċiniża tiġi f'raħalna.

53.3.12.1 Qal li dawn iċ-Ċiniżi pproponew li jiġu l-Qrendi nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar u dawn se jtellgħu spettaklu u d-dħul għalih se jkun ta' donazzjoni ta' €1 li se jmorru għaċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller.

53.3.12.2 Spjega kif dawn se jiġu filgħodu sabiex jagħmlu t-taħriġ tagħhom, imbagħad filgħaxija jagħtu l-ispettaklu li jdum bejn 40 u 50 minuta, kif ukoll waqt il-ħin ta' mistrieħ il-Kunsill Lokali jipprovdilhom *finger food*.

53.3.12.3 Is-Sindku ppropona li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaqbel li din l-attivita' ssir, din issir jew fis-sala tal-iskola primarja, inkella fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

53.3.12.4 Qal li rridu nsibu min se joqgħod mas-*sound* u mad-dawl u għal dan għandna nkellmu lis-Soċjetajiet Mużikali ta' raħalna.

53.3.12.5 Barra minn hekk kompla li għandna bżonn tapit kbir sabiex ikun jista' jsir l-ispettaklu fuqu.

53.3.12.6 Is-Sindku David Schembri ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jidħol sabiex jorganizza din l-attivita'.

53.3.12.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta, u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

53.3.13 Is-Sindku tkellem dwar ittra li rċevejna mingħand is-Sa. Catherine Ciappara, id-Direttur ta' C&K Ciappara & Sons Ltd.

53.3.13.1 Qal li s-Sa. Ciappara qiegħda titlob li ssir tabella f'parti minn Triq Misraħ is-Sinjura, fejn għandhom il-fabbrika, u dan sabiex ikun hemm indikazzjoni li f'ċertu ġranet filgħaxija, din it-triq tkun magħluqa għat-traffiku, minħabba li jkun hemm l-inġenji li fuqhom ikun hemm it-tiġieġ li jkun se jiġi proċessat.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

53.3.13.2 Is-Sindku pppropona li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta t-talba tas-Sa. Ciappara u se nistaqsu dwar meta huma dawn il-ġranet u x'inhuma eżatt il-ħinijiet li fihom parti minn Triq Misraħ is-Sinjura tkun magħluqa.

53.3.13.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat ma' din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 53.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISOTQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

53.4.1 Ma' kien hemm l-ebda mistoqsijiet mill-Kunsillieri preżenti.

## 53.5 RAPPORTI

53.5.1 Ma' kien hemm l-ebda rapporti x'jiġu preżentati mill-Kunsillieri preżenti.

## 53.19 DATA GĦAL-LAQGĦA ANNIWALI TAL-LOKALITA'

53.19.1 Is-Sindku David Schembri qal li wasal iż-żmien li bħala Kunsill Lokali naħsbu sabiex nagħmlu l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'.

53.19.2 Ippropona li din il-laqgħa għandha ssir nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2017, fis-7pm, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

53.19.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kuunsill

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali qabel unanimament.

## 53.20 KUNSIDERRAZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

53.20.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €23,856.29 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 12/16 u €63.27 skont il-*Petty Cash* Ref T/11.

53.20.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

53.20.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

53.20.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 53.21 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

53.21.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-11:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2017 fil-5:30pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**